KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 55/7/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 55

*L-Erbgħa 13 ta' Frar 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 2019. Il-laqgħa kienet skedata għall-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-Kunsillier |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| **Assenti:** | |

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Seychell talab biex ikun skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw din l-apoloġiji u qablu li l-membru ikunu skużat.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.53 u nr. 54 ġew approvati *nem com.*

2.2. Il-Viċi Sindku xtaq jirrimarka illi dwar punt nr. 4.4 ma kienx infurmat illi l-impjegat fi skala 13 ingħata *warning* u jifhem ukoll li huwa ma kellux ikun infurmat lanqas.

2.3. Il-Viċi Sindku irrimarka li dwar il-*performance* bonus tal-impjegat fi skala 13 ma kienx hemm qbil unanimu li jieħu l-massimu u dwar l-impjegat tal-iskema RSS ma kienx hemm qbil ukoll mas-somma li fost l-oħrajn issuġġerixxa huwa stess u kompla billi qal li fil-fehma tiegħu ittieħed vot. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membru illi fi stat ta' diskussjoni ma kienx hemm qbil fuq iż-żewġ każijiet però wara l-istess diskussjoni il-membri kollha mbagħad qablu skond kif irrimarkat fil-minuti.

2.4. Dwar punt nr. 5.1 il-Viċi Sindku staqsa għalfejn issejħet laqgħa dwar il-każ ta' Triq San Ġużepp bejn l-On. Parnis, is-Sur Michael Cohen, ir-residenti ta' Triq San Ġużepp u l-Kunsill u huwa ma kienx infurmat dwar din il-laqgħa li eventwalment spiċċat tħassret. Is-Sindku informa lil membri li din il-laqgħa ma saritx fid-dawl li l-Kunsill kien wassal il-proposta kif diskussa fil-Kunsill lil Transport Malta, liema proposta kienu għadhom ma rawhiex bħala awtorità. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-ewwel jaraw din il-proposta tagħmilx sens biex jekk ikun meħtieġ issir din il-laqgħa. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li mhux l-ewwel darba li jitħassru laqgħat anke dwar il-pjazza fl-aħħar ħin. Is-Sindku qal li dan mhux il-każ u l-istess laqgħat tal-Pjazza kienu isiru b'mod regolari u wieħed seta' jattendi kif mixtieq.

*Is-Sindku talab li l-mejda tiddiskuti punt nr. 7- Proġetti.*

## 3. <u>Proġetti (orig punt 7)</u>

3.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li fil-laqgħa preċedenti li kienet skedata u li però ma saritx minħabba nuqqas ta' kworum, kien ser iressaq dan il-punt fejn jiddiskuti xogħolijiet ta' *maintenance* li kien hemm bżonn isiru f'ċertu ġonna u bandli. Huwa fakkar li l-flus li kienu skedati għat-toroq issa ser isiru fi proġetti fi Ġnien San Alwiġi, fil-Ġnien ta' Telgħet Raħal Ġdid u fi Ġnien Pawlu Boffa.

3.2. Is-Sindku kompla li fl-laqgħa li kellu mal-Fondazzjoni għal Żoni Turistiċi kien hemm qbil li ħaddiema minn tal-istess entita jagħmlu ix-xogħol meħtieġ u l-Kunsill jissuplixxi l-materjal fi Ġnien San Alwiġi u Ġnien Pawlu Boffa. Is-Sindku kompla billi informa lil entita li kien ser jiddiskuti dan fil-Kunsill sabiex umbagħad ikun jista' jibda ix-xogħol. Is-Sindku ippropona li għaldaqstant issir lagħqa mal-Fondazzjoni sabiex isir ix-xogħol.

3.3. Il-Viċi Sindku qal li residenti tal-inħawi ta' Ġnien San Alwiġi kienu tkellmu mal-Ministeru tat-Turiżmu dwar il-ħtieġa li isir xogħol fil-Ġnien. Is-Sindku qal li però mhux xieraq li lejlet li kien ser jibda ix-xogħol tintbagħat email lil membri tal-Kunsill t'infurmhom b'dan meta ħadd ma kien jaf x'ser isir. Il-Viċi Sindku qal li kien ser isir xogħol fejn il-Fondazzjoni kienet ser tirranġa affarijiet ta' periklu u tindif minuri. Kompla li kif is-Sindku kien infurmat b'dan informa lil Fondazzjoni li kien ser iwaqqaf ix-xogħol bil-Pulizija. Hawnhekk is-Sindku irrimarka li dan mhux minnu anzi huwa kien tkellem mal-persuni responsabbli mill-Fondazzjoni sabiex l-ewwel dan jiġi diskuss Kunsill qabel jibda ix-xogħol fejn fost l-oħrajn niddiskutu ix-xogħol li kellu isir. Hawnhekk il-membri kollha qablu li isir ix-xogħol meħtieġ mill-Fondazzjoni għaż-żoni turistiċi. Il-Viċi Sindku kompla billi qal li l-Kunsill mhux ser joħroġ fondi għal dan ix-xogħol.

*Fid-dawl li kienu qed jattendu bosta residenti ta' madwar il-Ġnien San Alwiġi il-membri qablu li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex ir-residenti ikunu jistgħu ilissnu il-ħsibijiet tagħhom b'risq dan il-punt.*

3.4. Is-Sindku kompla il-laqgħa fejn qal li jidher li hemm kwistjoni wkoll dwar ħajt li hemm viċin tal-Ġnien li uħud mir-residenti jixtiequ li dan jitneħħa. Il-membri qablu li l-ħajt ma jitneħħiex u li però isir tindif ieħor. Qablu wkoll li issir laqgħa mal-Fondazzjoni għaż-żoni Turistiċi fejn ikun preżenti is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Spiteri sabiex jiġi iċċarat magħhom x-xogħol li irid isir. Il-Kunsillier Lynch qal ukoll li għandu isir xogħol fi Ġnien Pawlu Boffa wkoll. Il-membri iddiskutew il-problema li mhux qed jingħata servizz tajjeb mill-Perit tal-Kunsill u qablu li naraw x'jista' isir biex jew isir ix-xogħol jew jittieħdu l-miżuri li hemm bżonn.

4. ***Financial Statements 2019* (orig punt 4)**

4.1. Is-Sindku stieden lill-Accountant tal-Kunsill sabiex tippreżenta l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2018. Il-membri raw l-istqarrijiet finanzjarji fejn sar profitt ta' €44,000 liema profitt huwa affettwat ukoll minn tibdil fil-kalkoli tad-deprezzament skond dak mitlub mid-Dipartiment. L-accountant kompliet billi qalgħet li l-Kunsill kompla isostni l-pożizzjoni finanzjara tiegħu u għaldaqstant wassal sabiex il-membri approvaw dawn l-istqarrijiet finanzjarji flimkien ukoll mar-rapport ta' kull kwart għall-aħħar kwart tas-sena 2018. Il-membri irringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Accountant tal-ħidma tagħhom fuq l-aspett finanzjarju tal-Kunsill.

5. **Korrispondenza (orig punt 3)**

5.1. Ittra mingħand l-iskola ALP kif ukoll mingħand l-MCAST sabiex isiru kollaborazjonijiet bejn l-iskejjel bħal esperjenzi ta' xogħol għall-istudenti. Il-membri approvaw.

5.2. Talba għal rifużjoni ta' ħsara *f'tyre* li sargħet fi Triq Palma. Fid-dawl li d-dokumenti kienu kollha ppreżentati kif meħtieġ u fid-dawl li sargħet verifika li l-ħofra li kkawżat l-inċident kienet hemm ukoll, il-membri approvaw it-talba għal ħsarat bl-ammont ikun ta' €120.

5.3. Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-iskema tal-korsijiet tal-life-long Learning. Il-membri qablu li isiru korsijiet li napplikaw kull sena kif ukoll għal xi suġġett ieħor ġdid skond suġġeriment tal-entita li tieħu ħsieb.

5.4. Korrispondenza dwar il-laqgħa tal-lokalita. Il-membri qabli li din il-laqgħa issir fl-20 ta' Marzu qabel il-laqgħa tal-Kunsill li imiss.

5.5. Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kif għanda issir l-għażla tas-sejħa għall-iskema li tieħu ħsieb l-irkupru tal-iskart separat mill-lokalita. Il-membri approvaw li toħroġ is-sejħa kif innotat f'din l-istess ċirkulari.

5.6. Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar talba għall-ħlas għaż-żamma u l-manutenzjoni tal-proġetti li qed isiru mill-Gvern Ċentrali. Il-membri qablu li issir din it-talba lid-Dipartiment. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li din iċ-ċirkulari qed titlob stima mingħand il-Perit. Il-membri qablu li jekk il-Perit tal-Kunsill ma jkunx qed jasal għat-talbiet tal-Kunsill issir direct order skond il-limiti tal-liġi lil perit ieħor.

5.7. Korrispondenza mingħand is-Sur Ivan Vella b'rabta ma talba sabiex issir laqgħa dwar il-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Kor tal-Parroċċa sabiex isir Musical għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Il-membri qablu li issir din il-laqgħa sabiex naraw kif il-Kunsill ikun jista' ikun parti mill-attività imsemmija.

5.8. Ittra mingħand l-impjegata fi skala 10 b'rabta ma' talba għall-*qualification allowance* hekk kif din kisbet diploma relatata max-xogħol tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li din hija talba ġustifikata skond anke l-ftehim kollettiv u għaldaqstant il-membri approvaw dan l-*allowance*. Il-membri qablu wkoll li l-impjegati fi skala 11 u 13 jitilgħu *notch* skond kif innotat fil-ftehim kollettiv.

5.9. Ittra mingħand il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-istil u d-disinn tal-*bus stop* il-ġdid tal-Pjazza. Is-Sindku irrimarka illi l-*istage* il-griż huwa goff u ser ifixkel l-armar u l-andament tal-festi. Il-Kunsillier Spiteri ippropona li fid-dawl li l-proġett tal-Pjazza kien f'idejn il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta tkun l-istess entita li tagħżel id-disinn. Il-Viċi Sindku issekonda din il-proposta u fid-dawl li ma kienx hemm qbil is-Sindku talab li jittieħed vot għal din il-proposta liema vot għadda bi tlett voti favur, wieħed kontra u żewġ astensjonijiet.

*Il-Kunsillier Spiteri telaq mil-laqgħa*

## 6. Karnival 2019

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi saru it-taħditiet flimkien mal-organizzaturi tal-Karnival fejn ippreżenta id-dettalji kollha marbuta ma din l-attività. Il-membri qablu wkoll li jiġu involuti l-baned kollha tal-lokal f'din l-attività fejn issir *mass band* bejniethom. Il-membri approvaw ukoll baġit ta' €4,000 għad din l-attività.

## 7. Offerti

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri hemm bżonn jinħatar kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti sabiex jiġġudika offerta numru 3/2018 u 1/2019. Il-membri qablu li dan il-kumitat ikun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Bernard Lynch u Ivan Bartolo.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi is-sessjoni tal-anzjani li jmiss ser tkun waħda speċjali marbuta mas-saħħa u fiha ser jattendi wkoll id-Deputat Prim ministru Chris Fearne.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Kunsillier Muscat informa lil membri illi hemm parkeġġ taħt id-dar tal-anzjani imma dan qed jibqa' magħluq. Is-Sindku infurmah illi issa niċċekjaw dwar dan.

9.2. Il-Kunsillier Muscat fakkar fid-dawl li għad irid isir fejn il-Madonna ta' triq Gurbell u dwar l-irħama li trid teħel fil-Ġnien Pawlu Boffa. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li ser jiċċekkja dwar dan ix-xogħol li kellu isir mill-kuntrattur.

*Il-Viċi Sindku Steven Axisa telaq mil-laqgħa.*

9.3. Il-Kunsillier Lynch staqsa jekk il-kameras tal-pjazza hux qed joperaw u għalfejn qed jibqaw għaddejjin trakkijiet mill-pjazza. Is-Sindku informa lil membri illi l-kameras qed joperaw u li ser ikompli jagħmel il-pressjoni kif tiġa sar mal-awtoritajiet kollha sabiex it-trakkijiet ma jgħaddux.

9.4. Il-Kunsillier Lynch staqsa wkoll dwar min huwa responsabbli għall-grawnd ta' Pace Grasso. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma illi dan mhux fir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali Paola imma tal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta.

**10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-Kunsillier Lynch staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar uħud mill-pagamenti u l-istess Segretarju Eżekuttiv ta l-informazzjoni meħtieġa lil Kunsillier.

10.2. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 55 għas-somma ta' €177,795.33.

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 20 ta' Marzu 2019.

11.2. Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |